Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru. 905/2012

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Simon Chircop detentur tal-Karta tal-Identita` numru 168968 (M).

**Akkuzat talli:**

1. Fis-6 ta` Settembru, 2012, bejn it-tmienja u nofs ta` filghaxija (20:30hrs) u n-nofs il-lejl nieqes kwart (23:45hrs) f'dawn il-Gzejjer u cioe` mill-Kapella tal-Isptar Mater Dei li jinsab gewwa Tal-Qroqq, Msida, ikkommetta serq ta` diversi ogetti fosthom kalcijiet liema serq sar ghad-dannu tal-Patrijiet Kapuccini li jiehdu hsieb l-istess Kapella u/jew ta` persuna/i ohra, u liema serq huwa aggravat bil-mezz, bil-valur li jaqbez il-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu

(€2,329.37), bil-lok u bil-hin u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263 (a), 267, 269 (a), 270, 278 (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Tal-Qroqq, l-Imsida, u fi bnadi ohra gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtara jew laqa ghandu oggetti misruqa li l-valur taghhom jaqbez il-mitejn, tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jaqbizx l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li jkunu ndahlu biex ibieghhom jew imexxihom u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

3. U aktar talli rrenda ruhu ricediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li nstab hati b'diversi sentenzi tal-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda;

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 261, 263 (a), 267, 269 (a), 270, 278 (3), 334, 49, 50, 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijit ta` Malta.

Din il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2) akkuza u ghaldaqstant tilliberah.

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssibu hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) akkuzi u ghaldaqstant tikkundannah ghal sena prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------